MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 17/2003

**Ingrid Camenzuli**

**vs**

**Noel Mangion**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attrici zzewget lill-konvenut fit-18 ta' Ottubru 1996 mill-liema zwieg m'ghandhomx tfal;

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha.

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb bl-esklussjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew wahda aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini ta' l-**artikolu 19 (1) (g) u/jew (d) u/jew (f) tal-Att XXXVII ta' l-1975 li Jirregola z-Zwigijiet.**

Illi ghalhekk l-istess attur talab sabiex il-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

(1) Tiddeciedi u tiddikjara illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attrici u l-konvenut huwa null u bla effett fil-ligi.

L-ispejjez, kontra l-konvenut li huwa ngunt sabiex jidher in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 *et seq.* tal-process;

Rat li l-konvenut gie debitament notifikat bic-citazzjoni attrici fl-20 ta' Marzu 2003 u li ma pprezenta ebda nota ta' eccezzjonijiet u kwindi hu kontumaci;
Rat in-nota tal-konvenut bil-visto ta' Dr Frank Cassar li biha pprezenta l-affidavit tieghu stess filwaqt li ddikjara li m'ghandux aktar provi x'iressaq;

Rat in-nota ta' l-attrici li permezz taghha esebiet l-affidavits taghha u ta' ohtha Rita Fenech;

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' April 2003 fejn meta ssejhet il-kawza ma deher hadd. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghat-18 ta' Gunju 2003; u tat-18 ta' Gunju 2003 fejn meta ssejhet il-kawza ma deher hadd. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta' Ottubru 2003;

Rat l-affidavit tal-konvenutipprezentat b'nota tat-3 ta' Marzu 2003;

Rat l-affidavit ta' l-attur u Rita Fenech ipprezentat b'nota tat-3 ta' Marzu 2003;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### i) PROVI PRODOTTI.

Illi **l-attrici** xehdet permezz ta' affidavit taghha mmarkat u esebit bhala Dok. "ICI" a fol. 16 sa 19 tal-process. Hija pproduciet wkoll bhala xhud taghha lil Rita Fenech li xehdet permezz ta' affidavit taghha markat u esebit bhala Dok. "IC2" a fol. 20 sa 22 tal-process.

Illi fl-affidavit taghha **l-attrici Ingrid Camenzuli** xehdet illi qabel iz-zwieg kienu ilhom johorgu flimkien ghal madwar sena u hames xhur. Wara xahar u nofs li bdew johorgu flimkien il-konvenut hass li ma kellux ikompli f'din ir-relazzjoni imma ma setax jispjega ghaliex. Wara li ghadda xahar talabha biex jergghu johorgu flimkien. Ir-relazzjoni taghhom ma kenitx tant stabbli. Huwa kien jippreferi johrog mal-hbieb milli maghha. Wara ftit gimghat hija siefret ghal ghoxrin gurnata. Meta giet lura huwa stqarr maghha li hass in-nuqqas taghha u minn hemm ir-relazzjoni taghhom hadet xejra aktar stabbli.

Illi wara xahar li kienet irritornat mis-safar kien qalilha biex ma jdumux ma jizzewgu. Mal-ewwel bdew ifittxu post fejn joqghodu u ffissaw id-data taz-zwieg. Huwa kien jahdem *part time* bhala *dee-jay* f'post ta' divertiment gewwa Paceville.

Illi tul il-perjodu li kienu johorgu flimkien qabel iz-zwieg Noel qatt ma wera responsabbilita' mil-lat finanzjarju. Huwa kien jonfoq kollox u kien jiddependi fuq il-familjari tieghu jew fuqu. Meta xtraw il-post hija kellha tohrog id-depozitu kollu. Illi hi qalet li meta kienu jigu ffaccjati b'xi decizjoni ghalih kien kollox xorta u kienet tiddeciedi hi.

Huwa kien bniedem li meta tkellmu u tistaqsih xi haga ma jirreagixxix.

Illi fix-xahar ta’ qabel iz-zwieg kienu jilletikaw hafna u ommu qaltilhom li ghagglu wisq u li ma kienux lesti ghaz-zwieg. Hija qalet *“Jiena bdejt nirrealizza li din kellha ragun pero’ kollox kien lest ghall-gurnata tat-tieg – l-inviti kienu diga’ ntbaghtu u jiena kont hrigt hafna flus ghad-depoziti kemm ghat-tieg kif ukoll ghal xi ghamara ghad-dar taghna, ghalhekk hassejt li issa kien tard wisq u bzajt nerga’ lura minn din id-decizjoni. Ma’ Noel zgur li ma stajtx nitkellem dwar din il-preokkupazzjoni tieghi ghax ghalih kollox kien xorta.”*

Illi ghall-*honeymoon* marru l-Olanda u huwa kien mohhu biss biex jigri minn *disco* ghall-iehor u jzur kemm jiflah postijiet ta’ divertiment minkejja li hi wrietu li ma kellha l-ebda xewqa li tmur f’dawn il-postijiet daqshekk ta’ spiss. Meta gew lura Malta wara xi xahar miz-zwieg huwa rega’ beda jfittex lill-hbieb u jitla’ Paceville maghhom u wasal biex nehha c-curkett tat-tieg.

Illi skond hi l-konvenut kien jaghmel minn kollox biex isib *job part time* gewwa Paceville biex ikun jista’ jmur hemmhekk b’din l-iskuza. Beda` jmur hafna *parties* biex jarma u hafna drabi ma kienx jithallas u jdum sas-sieghat bikrin ta’ filghodu. Hi qaltlu kemm-il darba biex hu jieqaf minn dan it-tip ta’ xoghol imma hu ma tax kaz.

Illi mill-lat finanzjarju l-affarijiet marru ghall-aghar ghax ghalkemm kien hemm arrangament bejniethom biex jiffinanzjaw id-dar huwa kien jonfoq il-flus bl-addocc mill-account tieghu. Kull ma jara kien ikun irid jixtrih, hu kemm hu l-valur u jekk hemm bzonn anke jiddejjen minkejja l-qaghda finanzjarja hazina li kienu fiha.

Illi ghall-habta ta’ Settembru 1999 hija ndunat li z-zwieg ma kienx qed jahdem u ghalhekk hasset li kellhom jinfirdu ghal perjodu qasir ta’ zmien. Hija telqet mid-dar u marret ghand ommha. Kif sab ruhu wahdu ma setax ikampa u telaq ghand ommu. Wara xi gimgha mifrudin cemplilha l-qassis tax-xoghol tieghu (AFM) li huwa wkoll Psikologu li

qalilha li kien sab lil Noel jibki u li xtaq ikellimha. Huma marru flimkien ghand il-qassis u kellhom diversi laqghat. Minn dawn il-laqghat hija skopriet illi Noel ma bediex jibki ghax ir-relazzjoni taghhom kien qed titfarrak izda ghax beda` jiffissa illi huwa kellu xi marda serja u li kien ser imut. Meta marru ghand it-tabib tal-familja qal lil Noel biex joqghod attent ghax mard ma kellux pero' beda jaqa' f'*depression.* Sarulu diversi testijiet u ma rrizulta xejn u b'hekk beda jserrah mohhu. Meta ratu li qisu' qed jaqa' f'*depression* hija thassritu u regghet marret lura d-dar mieghu.

Illi l-affarijiet xorta baqghu l-istess u sena wara Noel rega' waqa' f'*depression* aktar gravi fejn lanqas ghax-xoghol ma beda` jmur. Hija kellmet lill-Psikjatra Dr John Mifsud li iccertifikah li kien qed ibati minn *personality disorder* u poggih fuq il-kura tal-pilloli ghal disa` (9) xhur. Kif waqqaf il-pilloli u ghaddew tlett xhur  ghal habta ta' Jannar 2002 Noel rega' waqa' f'*depression* aktar qawwija. Huma regghu kellmu l-istess Psikjatra u rega' bdieh fuq kors iehor ta' pilloli izda dawn m'ghamlulu l-ebda effett. F'dan il-perjodu hu ma kienx imur xoghol u beda jigi f'sitwazzjonijiet fejn qisu jinqata' mid-dinja. Meta jkellmuh kien jibqa' jiccassa lejhom u kien qisu blieh. Hija qalet *"sahansitra kien wasal biex jistaqsini kif kellu jaqdi l-bzonnijiet tieghu."* Meta ra hekk il-Psikjatra ssuggerixxa li Noel kellu jigi rikoverat Mount Carmel Hospital. Hu dahal fit-3 ta' Frar 2002 u rrizulta li kien waqa' fi *stupor* u ma kien qed jikkomunika xejn.  Minhabba f'hekk ghamlulu l-kura tax-xokkijiet. Il-Psikjatra qalilha li din id-*depression* ma kenitx rizultat ta' xi esperjenza socjali izda hija *disorder* li kienet tinstab go fih u li tibqa' tohrog matul iz-zmien. Wara hamest ijiem hareg minn hemm.

Illi ghalkemm wara din l-esperjenza hija hasbet li kien ser jinbidel huwa mar lura ghall-hajja ta' divertiment. Hija baqghet tithassru u hasset li ma setghetx titilqu ghax kienet thoss li hu kellu bzonnha. Izda wara li ghaddew xi xhur minn mindu huwa hareg mill-isptar u rat li ma riedx jissetilja fil-hajja mizzewga qaltlu li jekk kien se jkompli hekk kienet se tapplika ghas-separazzjoni ghax ma felhitx tghix wahedha fiz-zwieg. Mhux biss izda wara sitt snin

huma lanqas kienu iddiskutew l-ippjanar tat-tfal. Qatt ma kienu semmew li riedhom it-tfal. Wara li rat li minn naha tieghu ma kienx lest li jirranga bdew is-separazzjoni u sseparaw ftit wara.
Illi **Rita Fenech**, oht l-attrici, xehdet illi meta Noel beda jiffrekwenta l-familja taghhom bdiet tinnota li hu kien ifittex hafna d-divertiment u l-hrug milli jpoggi mohhu hemm u jissetilja f'relazzjoni serja. Huwa ma kienx ihobb jattendi ghall-attivitajiet familjari u meta kien imur kien jidher li mhux komdu. Hu kien isibha difficli jikkomunika maghhom. Infatti gieli wassalha u hu jitlaq ghal rasu. Hi kienet indunat illi ma kellux l-atteggament ta' bniedem responsabbli u ghalih kollox kien qisu xejn m'hu xejn. Hu qatt ma wera l-ebda inizjattiva u hi kkonfermat li meta waslu biex jixtru l-post kollox hadet f'idejha ohtha. Hija kkoroborat max-xhieda t'ohtha fejn intqal li hu kien izjed mohhu fid-delizji tieghu milli fir-responsabbilta' taz-zwieg.

Illi hija taf li ommhom qaltilhom li kienu qed ighagglu ghax kien hemm perjodu fejn kienu qed jiggieldu hafna. Anki x-xhud hasset hekk izda ohtha f'dak il-perjodu zgur li ma kenitx lesta li thassar minhabba fil-fatt li l-inviti kienu diga' ntbaghtu u kollox kien lest ghat-tieg. Wara t-tieg mill-ewwel innutat li Noel ma kienx ha r-responsabbilia' ta' ragel mizzewweg. Hu baqa' mohhu f'Pacevillle biex johrog u jiddeverti mal-hbieb. Hu dejjem involva l-hbieb fil-hajja taghhom. Hija kienet thossha wahedha ghax hu kien imur ghall-*parties* – hu kien ighidilha li kien qed imur fuq xoghol.

Illi hija kienet tara li Noel ma kellux hajra jibni familja m'ohtha. Darba waqt okkazjoni familjari kienet urietu tarbija u qaltlu biex jithajjar u huwa qalilha li ahjar jixtri *amplifier* milli tarbija. Hija kkonfermat ukoll li waqt iz-zwieg huwa waqa' f'*depression* darbtejn u rreferiet ghall-mumenti difficli li ghaddiet minnhom ohtha. Izda wara li Noel rega' gie f'sahhtu huwa xorta baqa' dak li kien qabel cjoe' minghajr ebda interess f'xejn u bla ebda sens ta' responsabbilta'. Ohtha kienet qisha tghix wahedha minghajr ragel. Huwa kien jiddependi kompletament fuqha kemm mill-lat finanzjarju kif ukoll mill-lat fiziku u psikologiku.

Illi fl-affidavit tieghu l-konvenut **Noel Mangion** xehed li ftit xhur wara li ltaqa' ma' l-attrici ddecidew li jitgharrsu. F'dak iz-zmien huwa kien jahdem bhala suldat u *part-time* bhala DJ li kien jikkunsidrah ukoll bhala passatemp. Il-flus li kien ifaddal kien juzhom sabiex johrog fil-*weekends* u jixtri d-diski. Meta infurmaw lill-familjari taghhom li kienu se jizzewgu u jixtru l-post kienu hassrulhom izda huma baqghu sejrin bil-pjanijiet taghhom.

Illi huwa qal li ghalih din l-ghazla ma kenitx qed taghmillu xi differenza kbira go hajtu hlief ghall-fatt li beda jqatta' aktar hin id-dar. F'dan il-perjodu beda jmur *parties* organizzati ghaz-zghazagh biex jarma s-*sound system.* Xi drabi kienu jmorru flimkien u drabi kien imur wahdu u jibqa' ma' shabu. Hija kienet tilmenta mieghu ghax kien idum izda hu kien kuntent b'din il-hajja. Wara xi zmien inqala' l-inkwiet bejnu u bejn Ingrid ghax hi ridetu assolutament ibiddel hajtu. Hija telqet ghal xi perjodu mid-dar u hu kien iddispra meta telqet u fil-fatt mar jghix ghand ommu. Huwa kellu bzonn ghajnuna medika peress li ma felahx ghas-separazzjoni. Huwa ma jiftakar xejn izjed dwar dan il-perjodu hlief li wara ftit zmien huma regghu spiccaw flimkien. Wara dan l-incident huwa ghadda minn zminijiet hziena. Illi kemm damu mizzewgin huma kienu jiggieldu spiss. Huwa kkonferma li kemm waqt l-gherusija kif ukoll waqt iz-zwieg huma qatt ma semmew il-possibbilta' li jkollhom tfal. Fil-fatt huma kienu joqghodu attenti biex ma jkollhomx tfal u qatt ma ghaddielhom minn rashom li jibnu familja.

Illi l-attrici fil-premessi taghha qed titlob li z-zwieg li gie celebrat bejnha u bejn il-konvenut fit-18 ta' Ottubru 1996 jigi dikjarat null peress li l-kunsens tal-partijiet fil-mument taz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg; kif ukoll kien vizzjat peress li nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew

tad-dritt ghall-att taz-zwieg; kif ukoll kien vizzjat *stante* li l-kunsens kien marbut ma' kondizzjoni li tirreferi ghall-futur.

Illi l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jinqraw hekk kif gej:-

***"Artikolu 19 (1)*** *B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null:-*

*"(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg".*

*"(f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."*

Illi din il-Qorti sejra tghaddi biex tezamina n-nullita` taz-zwieg *o meno* taht dawn iz-zewg sub-incizi separatament, u fl-ewwel lok, taht **l-artikolu 19(1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi **artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** jghid illi z-zwieg ikun null jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi ghar-rigward ta' l-istess **artikolu 19 (1) (d)** mill-provi migbura jirrizulta li l-kontendenti, qabel ma zzewgu, ma kkunsidrawx bis-serjeta` l-valuri u l-principji tal-hajja mizzewga. Fil-fatt kif inghad fis-sentenza **"Emanuel Walter Vella vs Mona Lisa Vella"** (P.A. (RCP) - 1 t'Ottubru 2002 - Cit Nru 801/96/RPC) il-kuncett ta' diskrezzjoni ta' gudizzju *"supposes not only maturity of*

*intellect but also a maturity of the will, that is an ability to take decisions responsibly. A person must possess a critical faculty and internal freedom of choice in order to contract validly”*.

*“Psychic disorders which give rise to a defect of due discretion include immature personality, which may be characterised by affective infantilism, immature character, affective immaturity and an emotionally unstable personality. Serious immaturity could very easily constitute a ground of nullity for a marriage. In a Rotal decision of 1961* ***Sabattani*** *held that a person either has or has not sufficient discretion of judgement to marry. If he has not, then he suffers from ‘aementia’, not in the sense of insanity, but in the sense that he lacks the sufficient maturity of judgement to understand and choose marriage … … ... Therefore, the weakness which affects the mind can merely result from the lack of maturity … …”.*

Illi ***G. Veness,*** kif ikkwotat minn ***N. Picard*** in ***‘*****L’Immaturite’ Et Le Consentement Matrimonial*****”*** (pg. 54-55) jghid is-segwenti*:-*

*“The judge must consider the overall behaviour of the spouse, taking into account the gravity of the conduct, its continuity throughout the conjugal life, its influence on the couple’s equilibrium, the relation of behavioural disorders to the ‘ius in corpus’ and also to the right to the community of life and to consider also all the other factors which are relevant to the determination of the gravity of this immaturity with reference to married life.”*

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga` kellha okkazzjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenzi **“Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg”** (Cit. Nru. 1564/97/RCP deciza fil-21 ta’ Ottubru 1999) u **“Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella Flores et noe”** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta’ Jannar, 2000); **“Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et nomine”** (P.A. (RCP) 28 ta’ Mejju 2002); **“Ali Chahid vs Mary Spiteri”** (P.A. (RCP) 5 ta’ Gunju 2002); **“Giulio Farrugia vs Raquel Anne**

**Farrugia"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002); **"Romina Zammit vs Paul Zammit"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi f'dawn is-sentenzi, u fid-decizjoni **"Josette Lungaro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001) il-Qorti ghamlet referenza ghas-segwenti esposizzjoni ta' ***Viladrich*** li jghid:-

*"Thus, there is grave lack [of discretion of judgment] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties, which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring.* (***Viladrich, P.J.*** "**Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated**" (**Montreal**, 1993) p. 686).

Illi fis-sentenza **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta' Jannar 2000) il-Qorti spjegat:-

*"Kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations*

*must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics".* (***Vidadrich, P.J***. *op. cit*., p. 687).

Illi dan l-animu ta' l-istess partijiet manifestat fl-azzjonijiet taghhom, huwa ghal kollox distint u differenti minn dawk li gew skond il-gurisprudenza nostrali konsiderati bhala d-drittijiet u dmirijiet u l-elementi essenzjali taz-zwieg, tant li fis-sentenza **"Mary Mustefa Al Muhamed vs Mustefa Mustefa Al Muhammed"** (P.A. (NA) 27 ta' Lulju 1999) inghad li:-

*"Fil-kawza **"Haidin vs Haidin"** (PA. (Q.K) 7 ta' Lulju 1994), il-Qorti qalet illi m'ghandu jkun hemm ebda motivazzjoni li ggieghel persuna tersaq ghaz-zwieg ghajr l-imhabba lejn persuna ohra w ix-xewqa li tqatta' l-kumplament ta' hajjitha fil-kumpanija taghha. Fiz-zwieg wiehed irid ikun lest li jaghtiha t-totalita' tieghu nnifsu esklussivament lill-persuna l-ohra, u din l-ghotja trid tkun mhux biss reciproka izda motivata bi hsieb genwin li verament ikun irid johloq 'a partnership for life'".*

*"Mill-gurisprudenza nostrana, jista' jinghad illi d-dmirijiet u drittijiet tal-mizzewgin fiz-zwieg huma dawk li komunament wiehed jistenna fi zwieg normali fis-socjeta' taghna. Fost dawn, wiehed isemmi l-fedelta` u l-assistenza, l-unita` u l-indossubbilta' taz-zwieg, l-hajja komuni flimkien, id-dritt u d-dmir illi jittiehdu decizjonijiet flimkien intizi fl-ahjar interess tal-familja w il-prokreazzjoni ta' l-ulied. Il-hajja mizzewga timporta li l-mizzewgin jaqsmu kollox flimkien u li jkunu ta' ghajnuna u ta' assistenza lil xulxin, b'impenn shih a favur ta' xulxin u taz-zwieg taghhom l-element tal-'communio vitae'. Fil-kawza **"Micallef vs Micallef"** deciza fl-4 ta' Mejju 1993, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili enuncjat illi 'element essenzjali tal-hajja mizzewga skond il-ligi taghna huwa d-dritt tal-mizzewgin ghall-komunjoni tal-hajja ('communio vitae') bejniethom".*

Illi dawn il-principji kollha gew kkonfermati f'diversi sentenzi moghtija minn din il-Qorti nkluzi **"Maria Rita Calleja vs Mohamed Ben Mohamed Khemiri"** (P.A. (RCP) 17 ta' Frar 2000); **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** (P.A. (RCP) 9 ta' Marzu 2000); **"Ousama Sadalah vs Doris Tanti"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000); **"Josephine Gabriel vs Dr. Georg Sapiano et nomine"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); "**Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Mazen Dadouch vs Maria Dadouch xebba Galea"** (P.A. (RCP) 22 ta' Marzu 2002); **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002); **"Marco Tanti vs Catherine Azzopardi"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002); u **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002) fost ohrajn.

Illi rigward l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta,** dan l-artikolu jipprovdi li hemm nullita' taz-zwieg:-

*"(f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."*

Illi dan is-sub-artikolu jikkonsidra kemm is-simulazzjoni totali *("colorem habens, substantiam vero nullam")* kif ukoll dak parzjali *("colorem habens, substantiam vero alteram")* tal-kunsens.

Illi rigward it-tifsira tal-frazi "*eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu"*, jew kif maghruf ukoll bhala simulazzjoni totali, l-Qorti fil-kawza **"Bonnici vs Bonnici"** (P.A. 30 ta' Lulju 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazzjoni totali jrid jigi ippruvat il-'*finis operis'* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi fis-sentenza **"Cali vs Dr. Albert S. Grech *nomine".*** (P.A. 22 ta' Gunju 1988) il-Qorti qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u nternament tissostitwixxi l-ideat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali.

Fid-decizjoni **"Galea vs Walsh"** (P.A. 30 ta' Marzu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni bhala *"meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata".* Illi fis-sentenza **"Muscat vs Borg Grech"** (P.A. 14 ta' Awissu 1995) il-Qorti spjegat il-kuncett ta' simulazzjoni b'dawn il-kliem:-

*"Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jghati l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b'att pozittiv tal-volonta' tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu".*

Illi kif gie insenjat fid-decizjoni fl-ismijiet **"Francesco Teuma vs Liugi Camilleri et",** (K. 1 ta' Ottubru 1884 - Vol.X p.912):-

*"a poter dedursi la invalidita dell'atto e' necessario che risulti chiaro, che cio' che si contrattava non era la yenta, ma una simulazione, cioe' 'fictio seu ostensio falsi pro vero'."*

Illi fil-kawza **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar *et nomine*"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002) inghad li *"meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, alavolja hu kapaci jghati l-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cioe', issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cioe' saret simulazzjoni parzjali".*

Illi fil-fatt din il-Qorti taqbel ma' l-istess definizzjoni u fil-fatt fis-sentenza **"Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002 inghad li *"wiehed jinnota li taht l-**artikolu 19 (1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta' l-kunsens tieghu kien gja mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel*

*ipotesi hemm ir-ragunijiet li jghatu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi ta' l-annullament taz-zwieg".*

Illi fil-fatt ghal dak li jolqot l-kuncett ta' *"l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga"*, u cjoe' simulazzjoni parzjali, l--Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **"Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et"** (P.A. (NA) 14 ta' Lulju 1994) elenkat l-elementi essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil-*"kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubbilta' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied"*. L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawza **"Aquilina vs Aquilina"** (P.A. (NA) 30 ta' Jannar 1991) u fis-sentenza **"Grech vs Grech"** (P.A. (NA) 9 ta' Ottubru 1990). Dawn huma wkoll l-elementi fil-ligi kanonika.

Illi l-komunjoni tal-hajja konjugali u l-*"consortium vitae"* tikkomprendi zewg elementi u cjoe' l-imhabba konjugali u r-responsabbilita` tal-familja. Kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni **"Magri vs Magri"** (14 ta' Lulju 1994):-

*"Jekk din il-"consortium vitae" hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-"Consortium Vitae" tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabbilita' tal-familja."*

Illi fil-fatt l-element ta' l-indossubbilta` taz-zwieg jehtieg li l-kunsens ikun ibbazat fuq rabta dejjiema bejn ragel u mara wahda, mibnija fuq il-fedelta` u formazzjoni tal-familja. L-ligi Maltija tippresuponi *'iuris tantum'* dan l-element ta' indossolubbilta' fiz-zwieg.

Illi fil-fatt, **J. *Edwards Hudson*** (pg. 164-165), jispjega car li: *"indissolubility can be excluded from consent in two different ways: either because the spouse, knowing the true nature of marriage, nevertheless contract with the understanding that he will have the option of dissolving the bond and recovering his former free status, or because the spouse formulates his own doctrine on marriage, from which the idea of indissolubility is absent*

*and to which he adheres totally with both intelligence and will power".*

Illi wkoll, ***D.J. Burns*,** fil-kummentarju tieghu (***D.J. Burns***, "**Matrimonial Indissolubility: Contrary Conditions - A Historical Synopsis and Commentary".** pg.151) jghid li *"it is not necessary that this intention* (i.e. li teskludi l-indossolubbilta') *was formulated as an express agreement, it can be inferred either from an explicit declaration of one or both parties, or consequent on certain words or actions implying that effect, or as a result of the narration of the circumstances of the contract."*

Illi hawn ukoll il-Qorti tirreferi ghal dak li inghad fis-sentenza **"Sharon Lanzon mart Francis Attard vs Francis Attard"** (P.A. (RCP) 15 ta' Marzu 2000) u cjoe':-

*"Meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni positiva taz-zwieg jew wiehed mil-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja huwa kapaci li jaghti kunsens validu taz-zwieg, pero' fl-atti tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-omissjoni tieghu eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cioe' issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori iz-zwieg, jew inkella fejn waqt li l-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cioe' saret simulazzjoni parzjali".*

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenut ma kellux id-diskrezzjoni necessarja sabiex jaghmel il-pass taz-zwieg *stante* li jidher li hajtu baqghet kif kienet qabel iz-zwieg minghajr ebda konsiderazzjonijiet ghall-attrici. Infatti kif xehed huwa stess il-flus li kien ifaddal mill-*part-time* kien juzhom biex johrog fil-*weekends* u biex jixtri d-diski. Infatti d-*deposit* ghall-post li xtraw hallsitu kollox hija u d-decizjonijiet kienet tehodhom hija. Infatti meta hija kienet tilmenta mieghu li huwa kien idum il-*parties* huwa kien jghidilha li dan hu xogholu u *inoltre*' zied jghid li hu kien kuntent f'dik il-hajja. Infatti ma jidhirx li biddilha u dan gie konfermat kemm mill-attrici kif ukoll minn ohtha.

Illi minn dan kollu jidhru li fil-konvenut huma neqsin l-elementi kollha essenzjali ghall-hajja mizzewga, u mhux biss izda jidher li l-istess konvenut kien adebit, fil-mument taz-zwieg u anke wara l-istess zwieg, b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga u l-element ta' hajja konjugali kien ghal kollox nieqes mill-kunsens tieghu. Infatti rrizulta li huwa ma riedx tfal tant li lil ohtha kien qalilha li ahjar jixtri *amplifier* milli tarbija u lanqas kienu qatt iddiskutew din il-kwistjoni qabel iz-zwieg. *Inoltre'* huwa stess ammetta li l-ghazla li jizzewweg ma kenitx ghamlitlu differenza kbira go hajtu hlief ghall-fatt li beda jqatta' aktar hin id-dar. Dan iwassal ukoll sabiex fil-kaz tal-konvenut jigi dikjarat li huwa eskluda *a priori* element essenzjali taz-zwieg li huwa l-prokreazzjoni ta' l-ulied.

Illi apparti dan kollu rrizulta wkoll li matul iz-zwieg huwa waqa' darbtejn f'*depression* tant li anki gie rikoverat ghal ftit jiem fl-Isptar Monte Carmeli. Hemmhekk irrizulta li *d-depression* kienet rizultat ta' *disorder* li kienet tinstab go fih u li tibqa' tohrog matul iz-zmien. Dan ukoll jaffettwa l-fatt li ma jistax jaqdi d-dmirijiet essenzjali tieghu ghall-hajja taz-zwieg ghax meta jkun f'dan l-istat ikun qiesu inqata' f'dinja ghalih u ma jkunx jista' jikkomunika aktar.

Illi jirrizulta wkoll li l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat ghaliex eskluda *a priori* diversi elementi essenzjali taz-zwieg mill-hajja tieghu ma' l-attrici u dan huwa kollu kkonfermat mill-attitudni tieghu waqt l-istess zwieg fejn hu qatt ma assuma l-ebda responsabbilta' lejn l-attrici, il-kuncett ta' familja kien ghal kollox nieqs mill-hajja tieghu, u rrizulta li ma riedx ikollu tfal.

Illi premessa ohra fic-citazzjoni attrici hija dik abbazi tal-**artikolu 19(1) (g)** li jipprovdi li z-zwieg huwa null :-

*"(g) jekk xi wahda mill-partijiet torbot il-kunsens taghha ma' kondizzjoni li tirreferi ghall-futur."*

Illi **J. Edward Hudson** isostni li *"a condition could either be suspensive or resolutive. It is suspensive if it delays the entry in effect of the obligation of an act until the condition itself is fulfilled. It is resolutive if it dissolves the*

*obligation only if it verifies itself and therefore renders it null, e.g. "I will live in marriage with you until I found someone who is more wealthy than you"* **("Handbook II for Marriage Cases" pg 107).**

Illi mill-provi prodotti dan l-aggravju ma giex sostanzjat u ghalhekk it-talba ta' nullita' taz-zwieg fuq din il-bazi qed tigi michuda, anke minhabba nuqqas ta' provi f'dan ir-rigward.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, **tilqa' t-talba attrici** b'dan li :

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attrici u l-konvenut fit-18 ta' Ottubru 1996 huwa null u bla effett *ai termini* ta' l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------